# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 09 ta' Ottubru, 2023.**

**Rikors nru.969/22MH**

**Numru: 5**

Fl-Atti ta' L-Ittra Uffiċjali numru 5262/21 ippreżentata nhar id-9 ta' Diċembru, 2021 fl-ismijiet:

**Princess Holdings Limited (C 72528)**

**Vs**

**Nadine Micallef**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors ippreżentat f'dawna l-atti[1] fejn ir-rikorrenti Nadine Micallef li *in principis* qegħda titlob li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-

[1] Folio 11 datat 16 ta' Marzu, 2023.

kambjali hemm imsemmija, issa qegħda titlob li pendenti eżitu tal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta[2], din il-Qorti tissoprassjedi din id-deċiżjoni pendenti l-eżitu tar-rikors ġuramentat.

In suċċint dan ir-rikors għas-soprassessjoni jistrieħ fuq il-fatt li fir-rikors ġuramentat jintalab fit-tielet talba ukoll li dik il-Qorti: *"Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kambjali kollha fil-pussess tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom li jemanu sia in forza tal-iskrittura privata datata 22 ta' Settembru, 2021 kif ukoll dik tas-17 ta' Diċembru, 2021, huma nulli u bla effett;"*

Is-soċjeta' Princess Holdings da parti tagħha hija waħda oppositorja.[3]

Ikkunsidrat.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **"Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru et"** deciza fl-20 ta' Lulju 1994[4] gie ritenut dwar din it-talba:

[2] Rikors ġuramentat fl-ismijiet Nadine Micallef vs No Deposit Cars Malta Limite et.
[3] Folio 26.
[4] Qorti Kostituzzjonali.

"I*s-soprassessjoni hija, minnha nnifisha, mizura eccezjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli.*".

Isegwi minn dan li biex il-Qorti tilqa' din it-talba iridu jissussistu raġunijiet biżżejjed validi fis-sens li l-eżitu ta' kawża verament jinċidi u jinfluenza hekk mhux ukoll toqtol il-vertenza konnessa.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 1981 fil-kawża fl-ismijiet **Degaetano v. Galea et noe**", ingħad illi :-

*"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din iddipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza".*

Tqies ukoll li l-provvediment tas-sospensjoni huwa wieħed ikkontemplat mil-liġi u dan fl-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fil-verita' r-rikors ġuramentat, li tiegħu r-rikorrenti Nadine Micallef ippreżentat kopja fl-atti, huwa wieħed li darba deċiż se jolqot *in funditus* il-validita' tal-kambjali li tagħhom qed tintalab is-sospensjoni.

Inevitabbilment allura din il-konnessjoni u dipendenza twassal għal konklużjoni li jkun għaqli li f'dan l-istadju din il-Qorti tissospendi milli tgħaddi biex tiddeċiedi r-rikors għas-sospenjoni tal-kambjali hemm imsemmija. Konsegwentement qed tilqa' t-talba tas-soprassessjoni.

**Onor Imħallef Miriam Hayman LL.D.**

**Rita Falzon**
**Deputat Reġistratur**